Emenda 35

Agnes Jongerius, Paul Tang, Lara Wolters, Vera Tax, Aurore Lalucq, Andreas Schieder, Evelyn Regner, Joachim Schuster, Delara Burkhardt, Maria Noichl, Günther Sidl, Hannes Heide, Bettina Vollath, Tiemo Wölken, Dietmar Köster, Evelyne Gebhardt, Anna Cavazzini, Maria Arena, Bas Eickhout, Tineke Strik, Kim Van Sparrentak, Emmanuel Maurel, Leila Chaibi, Marc Tarabella, Udo Bullmann, Ismail Ertug, Marc Angel, Tanja Fajon, Klára Dobrev, Nora Mebarek, Mohammed Chahim, Eric Andrieu, Raphaël Glucksmann, Sylvie Guillaume, Pierre Larrouturou, Helmut Scholz, Cornelia Ernst, Martin Schirdewan, Gabriele Bischoff

Rapport **A9-0160/2020/REV**
Jörgen Warborn
Implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018 (2019/2197(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu espressa fir-rapport preċedenti tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni; jissottolinja li l-pjan ta' azzjoni bi 15-il punt tas-27 ta' Frar 2018 stabbilit mis-servizzi tal-Kummissjoni jirrappreżenta bażi tajba għal riflessjoni sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar it-TSD; jirrimarka li l-ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida jinkludu klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli, li għandhom jiġu implimentati b'mod komprensiv u fl-intier tagħhom sabiex jissalvagwardjaw u jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-valuri tal-Unjoni u tal-istandards tax-xogħol, soċjali u ambjentali ta' livell għoli; jinnota l-evalwazzjoni tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli inklużi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-FTAs u jitlob li jkun hemm implementazzjoni f'waqtha tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-TSD; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija preċiża u speċifika għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn	49. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu espressa fir-rapport preċedenti tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni; jissottolinja li l-pjan ta' azzjoni bi 15-il punt tas-27 ta' Frar 2018 stabbilit mis-servizzi tal-Kummissjoni jirrappreżenta bażi tajba għal riflessjoni sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar it-TSD; jirrimarka li l-ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida jinkludu klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli, li għandhom jiġu implimentati b'mod komprensiv u fl-intier tagħhom sabiex jissalvagwardjaw u jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-valuri tal-Unjoni u tal-istandards tax-xogħol, soċjali u ambjentali ta' livell għoli; jinnota l-evalwazzjoni tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli inklużi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-FTAs u jitlob li jkun hemm implementazzjoni f'waqtha tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-TSD; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija preċiża u speċifika għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn

il-kapitoli, minħabba l-fatt li tali evalwazzjoni ma tistax issir abbażi ta' data kwantitattiva biss; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti dwar kif jissaħħaħ l-infurzar tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali;	il-kapitoli, minħabba l-fatt li tali evalwazzjoni ma tistax issir abbażi ta' data kwantitattiva biss; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti dwar kif jissaħħaħ l-infurzar tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali; ***itenni t-talba tiegħu biex l-UE fil-kapitoli TSD tagħha dejjem tinkludi dispożizzjonijiet vinkolanti u infurzabbli li huma soġġetti għal mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim adegwati u effettivi, u biex tqis, fost diversi metodi ta' infurzar, mekkaniżmu bbażat fuq is-sanzjonijiet;***

Or. en